MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-18 ta' Frar, 2004

Rikors Numru. 670/2003

**Bank of Valletta plc**
**vs**
**Anthony Coleiro u Carmel Camenzuli ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' kummercjali "Colcam International Marketing Associates Limted"; Carmel u Helen mizzewgin Camenzuli; u Anthony u Grace sive Mary Grace mizzewgin Coleiro.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat fit-2 ta' Lulju 2003 li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti ppremettiet u talbet hekk: Illi b' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti ta' l-24 ta' Marzu 1997, fl-ismijiet "Paul Gambina ghan-nom u in rappresentanza tal-Bank of Valletta Limited vs 1. Anthony Coleiro u Carmel Camenzuli ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' kummercjali "Colcam International Marketing Associates Limted"; 2. Carmel u Helen mizzewgin Camenzuli; 3. Anthony u Grace sive Mary Grace

mizzewgin Coleiro (Citazz. Nru. 424/95 GV) (Dok “A”), s-socjeta rikorrenti giet kanonizzata kreditrici ta’ l-imsemmija intimati fis-somma ta’ hamest elef, hames mija u seba’ liri Maltin u disghin centezmu (Lm5,507.90) kwantu ghal hamest elef u tlett liri Maltin u sittin centezmu (Lm5,003.60) sorte u kwantu ghal hames mija u erba’ liri Maltin u tletin centezmu (Lm504.30) spejjez tal-kawza skond taxxa hawn annessa u mmarkata Dok “B” flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru, 1994 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Illi ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta s-sentenza fuq imsemmija setghet tigi ezegwita u l-konvenuti ma hallsux id-debitu taghhom u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors;

Ghaldaqstant is-socjeta’ rikorrenti titlob umilment illi din l-Onorabbli Qpoti jogghobha  tawtorizzaha tezegwixxi s-sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti  ta’ 24 ta’ Marzu 1997 fl-ismijiet premessi sabiex tottjeni l-pagament ta’ hamest elef, hames mija u seba’ liri Maltin u disghin centezmu (Lm5,507.90) flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-1 t’Ottubru, 1994 sad-data ta’ l-effettiv pagament.
Rat li l-intimati debitament notifikati skond il-ligi bil-mezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni ma pprezentaw ebda risposta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti annessi;

Semghet provi bil-gurament;

Ikkunsidrat:-

Billi t-talba tar-rikorrenti tidher li hija gustifikata, tilqa’ t-talba u tawtorizza lis-socjeta’ Bank of Valletta plc. tesegwixxi s-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta’ Marzu 1997 fl-ismijiet premessi sabiex tottjeni l-pagament ta’ Lm5,507.90 flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru 1994 sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------